TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 73/17-F

**Graziella Costa**

**vs**

**IDP Malta**

Illum 14 ta' Ġunju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-21 t'April, 2017 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti l-prezz ta' tinda, bl-Ingliż *awning*, li wara li twaħħlet, tqaċċtet u l-istess soċjeta' ntimata kienet iggarantiet li hija tajba għal kull temp.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat tinda ossia *awning* u twaħħlet minn terzi persuni bl-approvazzjoni tal-istess soċjeta' ntimata u din it-tinda ossia *awning* kellha tkun *for all weather purpose* skond ir-reklam li ġie esebit. Pero' irriżulta li minħabba t-temp li kien ftit riħ qawwi, din it-tinda tqaċċtet bil-konsegwenza li m'għadhiex tajba għall-użu, u għalhekk qed titlob il-flus lura.

Is-soċjeta' ntimata da parte tagħha, qalet li dan huwa *Act of God* u kienet lesta wkoll li tibdel din it-tinda ossia *awning*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi meta wieħed jagħmel reklam, għandu jkun leali lejn dak li jirreklama u jekk irreklama li hija *for all weather purpose*, aħjar ma jirreklamax hekk sabiex iħajjar persuna biex jixtri, milli jirreklama hekk imbagħad ikollu l-problemi.

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jagħti t-tort lis-soċjeta' ntimata.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-*awning* tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**